REGOLAMENT (KE) Nru 1489/2007 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tad-29 ta' Novembru 2007

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2423/2001 (BĊE/2001/13) dwar il-karta tal-bilanċ ikkonsolidata tas-settur ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji

(BĊE/2007/18)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 tat-23 ta' Novembru 1998 dwar il-ġbir ta' l-informazzjoni statistika mill-Bank Ċentrali Ewropew [1], b'mod partikolari l-Artikoli 5(1) u 6(4),

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 2423/2001 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-22 ta' Novembru 2001 dwar il-karta tal-bilanċ ikkonsolidata tas-settur ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji BĊE/2001/13 [2] jeħtieġ li l-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (MFIs) jirrappurtaw *data* statistika trimestrali kklassifikata pajjiż b'pajjiż. Għandu jiġi emendat biex iqis is-sħubija ta' Stati Membri ġodda fl-Unjoni Ewropea.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 2423/2001 (BĊE/2001/13) jimponi wkoll obbligu biex jirrappurtaw *data* trimestrali dwar pożizzjonijiet fil-konfront tal-kontropartijiet residenti fit-territorji ta' l-Istati Membri li adottaw l-ewro. Għandu bżonn jiġi emendat biex jikkunsidra l-adozzjoni ta' l-ewro minn Stati Membri oħra.

(3) Il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) għandhom jitħallew jagħtu, fuq bażi mhux diskriminatorja, derogi mill-obbligi ta' rappurtar lil istituzzjonijiet individwali ta' flus elettroniċi f'ċerti sitwazzjonijiet. F'każijiet fejn l-istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet, l-iskop wara l-ġbir tad-*data* statistika skond ir-Regolament (KE) Nru 2423/2001 (BĊE/2001/13) jista' jiġi sodisfatt mingħajr l-impożizzjoni ta' obbligi ta' statistika fuq dawn l-istituzzjonijiet. L-għan tal-Bank Ċentrali Ewropew hu li jiżgura t-trattament ugwali billi josserva l-għoti ta' dawn id-derogi.

(4) Il-kundizzjonijiet li skondhom għandhom jiġu kklassifikati l-ishma maħruġa mill-MFIs bħala depożiti minflok bħala kapital u riżervi, għandhom jiġu ċċarati,

[1] ĠU L 318, 27.11.1998, p. 8.
[2] ĠU L 333, 17.12.2001, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 4/2007 (BĊE/2006/20) (ĠU L 2, 5.1.2007, p. 3).

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 2423/2001 (BĊE/2001/13) huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-aħħarnett ta' l-Artikolu 1, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, it-termini 'istituzzjoni ta' flus elettroniċi' u 'flus elettroniċi' għandhom l-istess tifsira bħal fl-Artikolu 1(3) tad-Direttiva 2000/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2000 dwar il-bidu, is-segwiment u s-superviżjoni prudenti tan-negozju ta' l-istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi (*).

(*) ĠU L 275, 27.10.2000, p. 39.";

(2) Fl-Artikolu 2, jiżdied il-paragrafu 4 li ġej:

"4. Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' Ġunju 2006 dwar il-bidu u s-segwiment tan-negozju ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu (recast) (*) u l-Artikolu 2 tar-Regolament BĊE/2003/9 tat-12 ta' Settembru 2003 dwar l-applikazzjoni tar-riżervi minimi (**), il-BĊNi jistgħu, salvi l-kundizzjonijiet speċifikati fil-paragrafi 2 sa 4 ta' l-Anness III, jagħtu derogi lil istituzzjonijiet individwali ta' flus elettroniċi. Il-BĊNi għandhom jiċċekkjaw is-sodisfazzjoni tal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2 ta' l-Anness III kmieni biżżejjed sabiex jagħtu jew ineħħu, jekk meħtieġ, xi deroga. Kull BĊN li jagħti din id-deroga għandu jinforma lill-BĊE.

(*) ĠU L 177, 30.6.2006, p. 1.
(**) ĠU L 250, 2.10.2003, p. 10."

(3) L-Anness I huwa emendat skond l-Annessi I u II ma' dan ir-Regolament.

(4) L-Anness III huwa mibdul bit-test li jinsab fl-Anness III ma' dan ir-Regolament.

(5) L-Anness V huwa emendat skond l-Anness IV ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Frankfurt am Main, 29 ta' Novembru 2007.

Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE

Il-President tal-BĊE

Jean-Claude TRICHET

ANNESS I

L-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 2423/2001 (BĊE/2001/13) huwa emendat kif ġej:

(1) Il-Parti 1 hija emendata kif ġej:

(a) Is-Sezzjoni I hija emendata kif ġej:

(i) Qed tiżdied is-sentenza li ġejja fit-tmiem tal-paragrafu 4:

"Dawn il-kriterji ta' kemm id-depożiti jistgħu jiġu sostitwiti huma applikati wkoll biex jiġi ddeterminat jekk il-passivi għandhomx jiġu kklassifikati bħala depożiti, sakemm ikun hemm kategorija separata għal dawk il-passivi."

(ii) L-ewwel sentenza tal-paragrafu 5 hija sostitwita b'li ġej:

"Għall-finijiet biex jiġi ddeterminat kemm id-depożiti huma sostitwibbli skond il-paragrafu ta' qabel u kemm biex jiġu kklassifikati l-passivi bħala depożiti:"

(b) Is-Sezzjoni IV hija emendata kif ġej:

(i) Il-paragrafu 6a huwa sostitwit b'li ġej:

"6a. Fil-każ li xi pajjiż jeċċedi għall-UE wara l-31 ta' Diċembru 2007, l-aġenti ta' rappurtar għandhom jirrappurtaw minn hemm 'il quddiem il-pożizzjonijiet fil-konfront tal-kontropartijiet residenti f'dak l-Istat Membru ġdid skond it-Tabella 3 ta' Parti 2.

Jekk iċ-ċifri miġbura f'livell ogħla ta' aggregazzjoni juru li l-pożizzjonijiet fil-konfront tal-kontropartijiet residenti f'xi Stat Membru li m'adottax l-ewro huma insinifikanti, BĊN jista' jiddeċiedi li ma jitlobx rappurtar fir-rigward ta' dak l-Istat Membru. Il-BĊN għandu jinforma lill-aġenti ta' rappurtar tiegħu b'din id-deċiżjoni."

(ii) Il-paragrafu 7a huwa sostitwit b'li ġej:

"7a. Fil-każ li xi Stat Membru jadotta l-ewro wara l-31 ta' Diċembru 2007, l-aġenti ta' rappurtar għandhom jirrappurtaw minn hemm 'il quddiem il-pożizzjonijiet fil-konfront tal-valuta ta' dak l-Istat Membru parteċipanti ġdid skond it-Tabella 4 ta' Parti 2.

F'dawn il-każijiet, ma tapplikax aktar il-kolonna fit-Tabella 4 ta' Parti 2 li tikkorrispondi mal-valuta l-qadima ta' l-Istat Membru parteċipanti ġdid.

Fil-każ li xi pajjiż jissieħeb fl-UE wara l-31 ta' Diċembru 2007, l-aġenti ta' rappurtar għandhom jirrappurtaw minn hemm 'il quddiem il-pożizzjonijiet fil-konfront tal-valuta ta' dak l-Istat Membru ġdid skond it-Tabella 4 ta' Parti 2.

Jekk il-figuri miġbura f'livell ogħla ta' aggregazzjoni juru li l-pożizzjonijiet fil-konfront tal-valuta ta' xi Stat Membru li m'adottax l-ewro huma insinifikanti, BĊN jista' jiddeċiedi li ma jitlobx rappurtar fir-rigward ta' dak l-Istat Membru. Il-BĊN għandu jinforma lill-aġenti ta' rappurtar tiegħu b'din id-deċiżjoni."

(iii) Il-paragrafu 9a huwa sostitwit b'li ġej:

"9a. Fejn il-pożizzjonijiet fir-rigward ta' ċelel li jikkorrispondu ma' Stati Membri li m'adottawx l-ewro huma insinifikanti imma xorta waħda l-BĊNi jiġbruhom, dawn jistgħu jintbagħtu mill-BĊNi lill-BĊE b'dewmien ta' xahar ieħor mill-għeluq tan-negozju fit-28 jum ta' xogħol wara t-tmiem tat-trimestru li għalih jirreferu l-pożizzjonijiet. Il-BĊNi jistgħu jiddeċiedu meta huma għandhom bżonn li jirċievu d-*data* mill-aġenti ta' rappurtar sabiex jissodisfaw din l-iskadenza."

(2) Fil-parti 2: It-tabelli 3 u 4 qed jiġu sostitwiti bit-Tabelli stabbiliti fl-Anness II ma' dan ir-Regolament.

(3) Fil-parti 3, it-tabella hija emendata kif ġej:

(a) Fil-kategorija ta' l-attiv 2 (self), it-tieni inċiż wara l-ewwel paragrafu qed jiġi sostitwit b'li ġej:

"— depożiti, kif iddefiniti skond il-kategorija tal-passivi 9 (depożiti)".

(b) Fil-kategoriji tal-passivi 9 (depożiti):

(i) L-ewwel sentenza hija sostitwita b'li ġej:

"Ammonti (ishma, depożiti jew oħrajn), li huma dovuti lil kredituri minn aġenti ta' rappurtar u li jikkonformaw mal-karatteristiċi deskritti fil-paragrafu 5 tas-Sezzjoni I ta' Parti 1, ħlief dawk li jqumu mill-ħruġ ta' titoli negozzjabbli jew ta' ishma/unitajiet ta' MMF."

(ii) Qed jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin wara l-paragrafu finali:

"Ishma maħruġa minn MFIs huma kklassifikati bħala depożiti minflok bħala kapital u riżervi jekk: (a) hemm relazzjoni ekonomika ta' debitur-kreditur bejn l-MFI tal-ħruġ u d-detentur (irrispettivament minn kull drittijiet ta' proprjeta' f'dawn l-ishma); u (b) l-ishma jistgħu jiġu kkonvertiti f'valuta jew mifdija mingħajr restrizzjonijiet sinifikanti jew penali. Perijodu ta' notifika m'huwiex ikkunsidrat li huwa restrizzjoni sinifikanti.

Barra minn dan, dawn l-ishma għandhom jikkonformaw ma' li ġej:

— id-dispożizzjonijiet regolatorji nazzjonali relevanti ma jistabbilixxu l-ebda dritt inkundizzjonali lill-MFI tal-ħruġ biex din tirrifjuta l-fidi ta' l-ishma tagħha;

— l-ishma huma '*value certain*', jiġifieri taħt ċirkostanzi normali dawn jitħallsu skond il-valur nominali tagħhom fil-każ ta' fidi; u

— fil-każ ta' l-insolvenza ta' l-MFI, id-detenturi ta' l-ishma tagħha ma huma suġġetti legalment la għall-obbligu li jkopru passivi dovuti minbarra l-valur nominali ta' l-ishma (jiġifieri l-parteċipazzjoni ta' l-azzjonisti fil-kapital sottoskritt), u lanqas għal obbligi oħra oneruži supplimentari. Is-subordinazzjoni ta' l-ishma għal kull strument ieħor maħruġ mill-MFI ma jikkwalifikax bħala obbligu oneruż supplimentari.

Il-perijodi ta' notifika għall-konverżjoni ta' dawn l-ishma f'valuta huma wżati sabiex jiġu kklassifikati dawn l-ishma skond il-klassifikazzjoni skond il-perijodu ta' notifika ġewwa l-kategorija ta' l-istrumenti 'depożiti'. Dawn il-perijodi ta' notifika japplikaw ukoll meta jiġi iddeterminat il-proporzjon ta' riżerva skond l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1745/2003 (BĊE/2003/9). Kull ishma assenjati u relatati mas-self magħmula mill-MFI għandhom ikunu kklassifikati bħala passivi ta' depożiti, bl-istess klassifikazzjoni tal-maturita' oriġinali bħal dik tas-self, jiġifieri 'depożiti b'maturita' miftiehma' jew 'depożiti li jinfdew b'notifika', dejjem skond id-dispożizzjonijiet tal-maturita' tal-kuntratt tas-self.

Meta miżmuma minn MFIs, dawn l-ishma maħruġa mill-MFIs u kklassifikati bħala depożiti minflok bħala kapital u riżervi għandhom ikunu kklassifikati mill-*holding* MFI bħala self fuq in-naħa tal-passiv tal-karta tal-bilanċ tagħha."

ANNESS II

It-tabelli 3 u 4 ta' Parti 2 ta' l-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 2423/2001 (BĊE/2001/13) huma sostitwiti b'li ġej:

"Tabella 3

Klassifikazzjoni tal-pajjiż

Data li għandha tingħata kull trimestru

PARTITI TAL-KARTA TAL-BILANĊ	Kull Stat Membru parteċipanti iehor (jiġifieri eskluż is-settur domestiku) u kull Stat Membru iehor ta' l-UE				Il-bqija tad-dinja (eskluża l-UE)
	Stat Membru	Stat Membru	Stat Membru	Stat Membru	
PASSIVI					
8. **Valuta fiċ-ċirkolazzjoni**					
9. **Depożiti**					
a. minn MFIs					
b. minn dawk li m'humiex MFIs					
10. **Ishma/unitajiet ta' MMF**					
11. **Titoli ta' dejn maħruġa**					
12. **Kapital u riżervi**					
13. **Passiv li jifdal**					
ATTIV					
1. **Flus kontanti**					
2. **Self**					
a. lil MFIs					
b. lil dawk li m'humiex MFIs					
3. **Titoli minbarra ishma**					
a. maħruġa minn MFIs					
sa sena					
aktar minn sena u sa sentejn					
aktar minn sentejn					
b. maħruġa minn dawk li m'humiex MFIs					
4. **Ishma/unitajiet ta' MMF**					
5. **Ishma u parteċipazzjonijiet azzjonarji oħra**					
6. **Attiv fiss**					
7. **Attiv li jifdal**					

Tabella 4 ([1])

Klassifikazzjoni skond il-valuta

Data li għandha tingħata kull trimestru

PARTITI TAL-KARTA TAL-BILANĊ	Il-valuti kollha flimkien	Ewro	Valuta ta' kull Stat Membru iehor ta' l-UE				Valuti minbarra dawk ta' l-Istati Membri ta' l-UE flimkien				
			Valuta ta' l-Istat Membru ta' l-UE	Valuta ta' l-Istat Membru ta' l-UE	Valuta ta' l-Istat Membru ta' l-UE	Valuta ta' l-Istat Membru ta' l-UE	Total	USD	JPY	CHF	Valuti li jifdal flimkien
PASSIVI											
9. **Depożiti**											
A. *Domestiċi*											
a. minn MFIs	M	M									
b. minn dawk li m'humiex MFIs	M										
B. *Stati Membri parteċipanti oħra*											
a. minn MFIs	M	M									
b. minn dawk li m'humiex MFIs	M										
C. *Il-bqija tad-dinja*											
i. sa sena	M										
ii. aktar minn sena	M										
a. minn banek	Ċifri trimestrali minn Tabella 2										
b. minn dawk li m'humiex banek											
10. **Ishma/unitajiet ta' MMF**											
11. **Titoli ta' dejn maħruġa**	M	M									
12. **Kapital u riżervi**	M										
13. **Passiv li jifdal**	M										
ATTIV											
2. **Self**											
A. *Domestiċi*											
a. lil MFIs	M										
b. lil dawk li m'humiex MFIs	M	M									

PARTITI TAL-KARTA TAL-BILANĊ	Il-valuti kollha flimkien	Ewro	Valuta ta' kull Stat Membru iehor ta' l-UE				Valuti minbarra dawk ta' l-Istati Membri ta' l-UE flimkien				
			Valuta ta' l-Istat Membru ta' l-UE	Valuta ta' l-Istat Membru ta' l-UE	Valuta ta' l-Istat Membru ta' l-UE	Valuta ta' l-Istat Membru ta' l-UE	Total	USD	JPY	CHF	Valuti li jifdal flimkien
B. *Stati Membri parteċipanti oħra*											
a. lil MFIs	M										
b. lil dawk li m'humiex MFIs	M	M									
C. *Il-bqija tad-dinja*											
i. sa sena	M										
ii. aktar minn sena	M										
a. lil banek	Ċifri trimestrali minn Tabella 2										
b. lil dawk li m'humiex banek											
3. **Titoli minbarra ishma**											
A. *Domestiċi*											
a. maħruġa minn MFIs	M	M									
b. maħruġa minn dawk li m'humiex MFIs	M	M									
B. *Stati Membri parteċipanti oħra*											
a. maħruġa minn MFIs	M	M									
b. maħruġa minn dawk li m'humiex MFIs	M	M									
C. *Il-bqija tad-dinja*											
a. maħruġa minn banek	Ċifri trimestrali minn Tabella 2										
b. maħruġa minn dawk li m'humiex banek											
4. **Ishma/unitajiet ta' MMF**											
A. *Domestiċi*	M										
B. *Stati Membri parteċipanti oħra*	M										
C. *Il-Bqija tad-dinja*	M										
5. **Ishma u parteċipazzjonijiet azzjonarji oħra**	M										
6. **Attiv fiss**	M										
7. **Attiv li jifdal**	M										

([1]) 'M' tfisser obbligi tad-*data* ta' kull xahar (ara t-Tabella 1)."

ANNESS III

"L-ANNESS III

OBBLIGI TA' RAPPURTAR TA' STATISTIKA GĦAL MFIs ŻGĦAR LI MHUMIEX ISTITUZZJONIJIET TA' KREDITU U PRINĊIPJI TA' KLASSIFIKA GĦAL ISTITUZZJONIJIET INDIVIDWALI TA' FLUS ELETTRONIĊI

1. Fir-rigward ta' MFIs żgħar li mhumiex istituzzjonijiet ta' kreditu, il-BĊNi li jiddeċiedu li jserrħu MFIs żgħar mill-obbligi kollha ta' rappurtar għandhom jinfurmaw lill-istituzzjonijiet rispettivi, imma jibqgħu, ta' lanqas, jiġbru *data* li għandha x'taqsam mal-karta tal-bilanċ sħiħa, ta' lanqas kull sena, ħalli d-daqs tat-*tail* tar-rappurtar jkun jista' jiġi osservat.

2. Bis-saħħa ta' l-Artikolu 2(4), il-BĊNi jistgħu jagħtu derogi mill-obbligi tagħhom ta' rappurtar ta' statistika lil istituzzjonijiet individwali ta' flus elettroniċi jekk ta' lanqas tiġi sodisfatta waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

   (a) il-flus elettroniċi li huma joħorġu huma aċċettati bħala ħlas min-numru limitat ta' impriżi, li jistgħu jiġu distinti b'mod ċar minn:

      (i) il-pożizzjoni tagħhom fl-istess bini jew żona lokali limitata oħra, u/jew

      (ii) ir-relazzjoni finanzjarja jew kummerċjali mill-qrib tagħhom ma' l-istituzzjoni tal-ħruġ, bħal struttura ta' proprjeta' konġunta, ta' reklamar jew ta' distribuzzjoni,

      anke jekk l-istituzzjoni tal-ħruġ u l-impriża li taċċetta huma stabbiliti bħala entitajiet legali separati.

   (b) aktar minn tliet kwarti tal-karta tal-bilanċ totali tagħhom m'hijiex relatata mal-ħruġ jew l-amministrazzjoni tal-flus elettroniċi, u l-passivi relatati mal-flus elettroniċi dovuti ma jaqbżux il-EUR 100 miljun.

3. Jekk xi istituzzjoni individwali tal-flus elettroniċi li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2 m'hijiex eżentata mill-obbligi tar-riżervi minimi, tinħtieġ li tirrapporta, ta' lanqas, id-*data* trimestrali meħtieġa biex tiġi kkalkulata l-bażi tar-riżerva, kif stabbilita fl-Anness II. L-istituzzjoni tista' tagħżel li tirrapporta s-sett ristrett ta' *data* tal-bażi tar-riżerva kull xahar.

4. Kull meta istituzzjoni individwali ta' flus elettroniċi tingħata deroga skond l-Artikolu 2(4), il-BĊE, għal finijiet ta' statistika, jirreġistra l-istituzzjoni fil-lista ta' MFIs bħala korporazzjoni mhux finanzjarja. L-istituzzjoni se tkun ittrattata wkoll bħala korporazzjoni mhux finanzjarja f'sitwazzjonijiet fejn hija l-kontroparti ta' MFI. L-istituzzjoni se tibqa' tiġi ttrattata bħala istituzzjoni ta' kreditu għall-finijiet ta' l-obbligi tar-riżervi minimi ta' l-Eurosistema."

ANNESS IV

L-Anness V mar-Regolament (KE) Nru 2423/2001 (BĊE/2001/13) huwa emendat kif ġej:

1. Il-paragrafu 1a huwa sostitwit b'li ġej:

"1a. Minkejja l-paragrafu 1, l-ewwel rappurtar skond dan ir-Regolament fir-rigward taċ-ċelel li jikkorrispondu ma' Stati Membri li m'adottawx l-ewro fit-Tabelli 3 u 4 ta' Parti 2 ta' l-Anness I, jibda bl-ewwel *data* trimestrali wara d-*data* tas-shubija tagħhom fl-UE."

2. Il-paragrafu 1b huwa sostitwit b'li ġej:

"1b. Jekk il-BĊN rilevanti jiddeċiedi li m'għandux bżonn l-ewwel rappurtar ta' *data* insinifikanti li tibda bl-ewwel *data* trimestrali wara d-data tas-shubija ta' l-Istat Membru jew Stati Membri relevanti fl-UE, ir-rappurtar jibda 12-il xahar wara li l-BĊN jinforma lill-aġenti ta' rappurtar li tinħtieġ id-*data*."

3. Il-paragrafu 1c huwa sostitwit b'li ġej:

"1c. Minkejja l-paragrafu 1, l-ewwel rappurtar skond dan ir-Regolament fir-rigward taċ-ċelel li jikkorrispondu ma' Stati Membri li adottaw l-ewro fit-Tabella 3 ta' Parti 2 ta' l-Anness I, jibda bl-ewwel *data* trimestrali wara d-*data* ta' l-adozzjoni tagħhom ta' l-ewro."

4. Jitħassru l-paragrafi 1d u 1e.

5. Il-paragrafu 2a huwa sostitwit b'li ġej:

"2a. Għall-ewwel 12-il xahar li hija rrappurtata, id-*data* sinifikanti fir-rigward ta' ċelel li jikkorrispondu ma' Stati Membri li m'adottawx l-ewro fit-Tabelli 3 u 4 ta' Parti 2 ta' l-Anness I tista' tiġi rrappurtata lill-BĊE b'dewmien ta' xahar ieħor mill-għeluq tan-negozju fit-28 jum ta' xogħol wara t-tmiem tat-trimestru li għalih tirreferi d-*data*. Il-BĊNi jistgħu jiddeċiedu meta huma għandhom bżonn jirċievu d-*data* mill-aġenti ta' rappurtar sabiex jissodisfaw din l-iskadenza."